# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Erbgħa 7 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 143/2020 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**DF**

**Vs**

**AC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DF datat 29 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ fl-għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) fil-Kappella ta' San Pawl tat-Tarġa, Knisja Parrokkjali Maria Bambina tan-Naxxar;*
2. *Illi l-partijiet ma għandhomx tfal bejniethom;*
3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-Atti tan-Nutar Dottor Stefania Marmorato, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dok A;*
4. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn erbgħa (4) snin jgħixu separatament, huma għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;*
5. *Illi ma hemm ebda pendenza dwar ħlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-oħra, u dan anke għaliex il-partijiet irrinunzjaw reċiprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu ħlas ta' manteniment mingħand xulxin, u dan kif jirriżulta minn klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni;*
6. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruħhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji*

*kontemplati fl-Artikolu 66 BB tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejniethom;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti. Javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir-Reġistru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66 A (4) tal-Kodiċi Ċivili, tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AC datata 16 ta' Ġunju 2020 a fol 13, li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jingħad li l-partijiet iżżewwġu nhar l-10 ta' Diċembru 2011, mhux fl-10 ta' Novembru 2011 kif ġie indikat mir-rikorrent;*
2. *Illi mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Stefania Marmorato nhar id-9 ta' Novembru 2016;*
3. *Illi l-esponent taqbel ukoll li l-ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-kontendenti kif ukoll illi huma ilhom jgħixu ħajja separata de facto minn xulxin sa' mill-15 ta' Jannar 2016 u dan kif anke jirriżulta minn klawsola 19 tal-kuntratt ta' separazzjoni;*
4. *Illi l-esponenti taqbel ukoll illi ma għad hemm ebda ċans ta' rikonċiljazzjoni bejnha u r-rikorrent*
5. *Illi l-esponenti għaldaqstant ma topponix għat-talba għall-ottjeniment tad-divorzju, għalkemm topponi għall-ispejjez tal-proċeduri odjerni;*

*Tant għandha x'tissottometti l-esponenti f'dal istadju a savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Semghet ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit u bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**AC** xehdet permezz ta' affidavit (fol 14) illi hija iżżewwġet lir-rikorrent fl-10 ta' Diċembru 2011 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi l-partijiet isseparaw fid-9 ta' Novembru 2016 quddiem in-Nutar Stefania Marmorato, pero kienu ilhom jgħixu separatament sa' mill-15 ta' Jannar 2016. Illi l-partijiet irrinunzjaw għad-dritt ta' manteniment. Finalment tgħid ukoll illi minn mindu isseparaw sal-prezent, hija u żewġha qatt irrikonciljaw, u ma hemmx tama ta' rikonciljazzjoni. Camilleri xedhet illi hija taqbel mat-talba għad-divorzju.

**DF** xehed bil-ġurament (fol 20) u ikkonferma u ikkorabora it-testimonjanza ta' **AC**.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-***

***separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-10 ta' Diċembru 2011 (Vide fol 19) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Stefania Marmorato, datat 9 ta' Novembru 2016 (vide Dok.A fol 3 et seqq.) Jirriżulta ukoll illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament sa' mill-15 ta' Jannar 2016, kif jirrizulta wkoll minn klawsola numru 19 tal-kuntratt ta' separazzjoni. Ghalhekk jirrizulta illi ilhom *de facto* separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx, u illi ebda manteniment ma huwa dovut, u dan kif jirriżulta minn klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**